# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 10 ta’ Gunju 2019**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummisarju Ian J Abilla)**
**vs**
**Guido Agius**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Guido Agius ta’ 47 sena, u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 462553(M).

Akkuzat talli bejn l-1 ta’ Jannar 1999 u t-30 ta’ Gunju 2001 f’dawn il-gzejjer b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita tieghu ta’ direttur tas-socjeta Guido Agius Furniture Limited, appropja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta’ Lm7,032.27 migbura mis-socjeta Guido Agius Furniture Limited bhala dhul f’taxxa dovuta lil Gvern ta’ Malta, li gew fdati jew ikunsinnata lilu taht titolu illi igieb mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu.

Rat id-degriet ta'l-Unur Tieghu il-Prim Imhallef Dr Silvio Camilleri tas-26 ta' Ottubru, 2017 permezz ta' liema l-proceduri gew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisafacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni ta'l-imputat, l-fedina penali kif ukoll id-dekors taz-zmien mid-data li fiha twettaq r-reat in ezami. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputat hallas kull ammont dovut lid-Dipartiment tal-VAT, u l-qbil bejn il-partijiet li tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet l-imputat jista' jibbenefika mill-artikolu 22 tal-Kapitolu 446.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a)[1] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

[1] Peress illi b'emendi li saru fil-Kapitolu 9 wara id-data li fihom sehhew il-fatti tal-kaz il-piena saret aktar oneruza l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak li kienu jipprovdu dawn l-artikolu fiz-zmien li sehhew ir-reati.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**